MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 71/2009

**Christian Falzon (ID No 409386M), Michael Falzon (ID No 855052M) u Mary Falzon (ID No 6452M).**

**vs.**

**Andrea Cassar ID No 897349M f'ismu propju u bhala legittimu rappresentant ta' bintu minuri Sarah Ann Cassar, James Cassar ID No 124284M u Antoine Cassar ID No 98887M bhala eredi tal-mejta Ines Cassar li kellha l-karta tal-identita` 589351M.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Christian Falzon, Michael Falzon u Mary Falzon datat 26 ta' Jannar 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi l-intimati b'zewg ittri ufficjali taghhom datati tmienja (8) ta' Frar 2007 u tnax (12) ta' Jannar 2009 ippretendew li huma kredituri tal-atturi rikorrenti fl-ammont li sal-gurnata tallum ghadu mhux likwidat, liema ittri ufficjali qeghdin jigu annessi u mmarkati bhala Dok. “A” u Dok. “B” rispettivament.

Illi huma qeghdin jippretendu li huma kredituri tar-rikorrenti wara incident awtomobilistiku illi sehh fit-tlieta (3) ta' Mejju 2005 fejn Ines Cassar, illum mejta, u li dak iz-zmien kienet il-mara tal-intimat Andrea Cassar u omm l-intimati Sarah Ann Cassar, James Cassar u Antoine Cassar, intlaqtet minn vettura registrata f’isem ir-rikorrenti Maria Falzon liema vettura ghandha numru tar-registrazzjoni IAW-453, li kienet qeghda tigi misjuqa mir-rikorrenti Christian Falzon.

Illi dan l-incident sehh minhabba n-negligenza ta' Ines Cassar, peress illi qasmet minn bejn il-karrozzi li kienu weqfin fit-triq minhabba kongestjoni ta' traffiku fuq in-naha tal-karreggjata opposta ta' minn fejn sfortunatament kien jinsab ghaddej ir-rikorrent, minghajr ma rat min gej fuq in-naha l-ohra tal-karreggata, u dan ghamlitu b'manjiera traskurata u perikoluza ghall-ahhar, tant li l-agir taghha kkawza dan l-incident, u meta ftit metri ‘l boghod minn fejn qasmet it-triq kien hemm ukoll *zebra crossing* minn fejn setghet taqsam aktar facilment.

Illi f’dan l-incident Ines Cassar garrbet xi griehi, r-rikorrenti Christian Falzon ha xokk kbir u ghamel perjodu twil ta' konvalexxenza u r-rikorrenti genituri tieghu Micheal u Mary Falzon sofrew hsarat fuq il-vettura taghhom.

Illi r-rikorrenti ghandhom interess jilliberaw ruhhom minn din il-millantanzzjoni tal-intimati peress illi dan l-incident sehh minhabba n-negligenza ta' Ines Cassar.

Illi mid-data tal-incident ghaddew kawzi erbgha snin u sahansitra llum il-gurnata Ines Cassar ma ghadiex hajja.

Illi ta' min jippreciza li r-rikorrenti sofrew ammont konsiderevoli ta' danni minhabba l-agir irresponsabbli u ghall-ahhar negligenti tal-mejta Ines Cassar.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tipprefiggi terminu ta' mhux aktar minn tliet xhur f'liema zmien l-intimati ghandhom jiddeducu fil-gudizzju l-pretensjonijiet taghhom; u

2. Fil-kaz li l-intimati jonqsu milli jiddeducu dawn l-istess pretensjonijiet timponi fuqhom is-silenzju perpetwu billi jigu mpediti milli qatt izjed ma jipprocedu b'din il-pretensjoni taghhom kontra r-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta' Marzu 2009.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati kollha datata 25 ta' Frar 2009 a fol. 14 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi preliminarjament ir-rikors mahluf tar-rikorrenti huwa monk *stante* illi huwa nieqes mill-avviz essenzjali a tenur tal-**artikolu 156 (1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u ghaldaqstant huwa null u bla effett fil-ligi.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrent Michael Falzon u l-esponenti.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ittri ufficjali tal-esponenti tat-8 ta' Frar 2007 u tat-12 ta' Jannar 2009 kontra r-rikorrrenti Christian Falzon u Maria Falzon saru ghal skopijiet ta' konservazzjoni ta' drittijiet u wkoll ghall-fini ta' preskrizzjoni.

4. Illi ghaldqastant, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti tal-25 ta’ Marzu 2009 fejn Dr. Alessia Zammit Mckeon ghall-konvenuti irtirat l-ewwel eccezzjoni. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti, qablu li l-interpellazjoni saret fuq l-ittri ufficjali esebita fil-process u talbu jaghmlu nota ta’ osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba b’dan li kellhom jibdew l-intimati li gew moghtija erbghin (40) gurnata ghall-prezenatata tal-istess bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li nghataw erbghin (40) gurnata ghall-prezentata tan-nota responsiva taghhom.

Rat in-nota ta’ riferenzi tal-konvenuti kollha datata 11 ta’ Mejju 2009 a fol 22 tal-process.

Rat in-nota ta’ riferenza tar-rikorrenti Christian Falzon et datata 18 ta’ Gunju 2009 a fol. 26 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta’ April 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta’ Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza ta' jattanza fejn l-atturi qed isotnu li l-konvenuti qed ivantaw kontra taghhom pretensjonijiet li huma responsabbli ghall-allegati danni sofferti minnhom kawza tal-incident stradali li gara fit-3 ta' Mejju 2005, fejn l-attur Christian Falzon, waqt li kien qed isuq il-karozza Reg. No. IAW – 453 proprjeta' ta' Maria Falzon, mart l-attur Michael Falzon, laqghet meta kienet qed taqsam it-triq lil Ines Cassar, (mart l-intimat Andrea Cassar, u omm l-intimati l-ohra), u dan peress li qed isostnu li tali incident sehh minhabba negligenza *da parte* ta' Christian Falzon, tant li gew ipprezentati kontra tieghu u ommu Mary Falzon, zewgt ittri ufficjali ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni datati rispettivament 8 ta' Frar 2007 u 12 ta' Jannar 2009 (Dok. "A" u "B").

Illi ghalhekk l-atturi qed jaghmlu din l-azzjoni ta' jattanza sabiex il-konvenuti iressqu l-pretensjonijiet taghhom fil-konfront taghhom permezz ta' kawza u dan f'terminu qasir u perentorju prefiss mill-Qorti u fin-nuqqas jigu mpeduti milli qatt izjed ivantaw tali pretensjonijiet.

Illi minn naha taghhom l-intimati odjerni jsostnu li tali azzjoni ta' jattanza ma ghandhiex tapplika fil-konfront taghhom, u dan kemm ghaliex fir-rigward tal-attur Michael Falzon qatt ma saret interpellazzjoni, fil-waqt li fil-konfront tal-atturi l-ohra l-ittri ufficjali saru biss sabiex tali azzjoni ma tigix preskritta.

Illi din il-Qorti ser tghaddi l-ewwel biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-istitut ta' jattanza. L-**artikolu 403** tal-**Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:-

*"Meta f'atti gudizzjarji, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles din il-pretensjoni tista' fi zmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'citazzjoni, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'il quddiem b'kawza dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jigi lilha mpedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni."*

Illi l-**artikolu 404 (1) tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*“Iz-zmien imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan ma jistax ikun izjed minn tliet xhur.”*

Illi fis-sentenzi **“Stephen Parnis et vs Costantino Parnis et”** (P.A. (NA) – 14 ta’ Lulju 1999) u **“Carmel sive Charles Bondin vs Giovanni Scicluna et”** (P.A. (RCP) – 10 ta’ Novembru 1999) il-Qorti spjegat:-

*“Illi l-iskop uniku legali u socjali ta’ l-istitut ta’ jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jigu rizolti. Il-Ligi ma tridx li thalli l-pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna ohra bi pretensjonijiet li ma jingiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti ghas-smigh u determinazzjoni.”*

Illi fis-sentenza **“Neg. Angelo Grima vs Neg. William John Caffary”** (K. (WH) 14 ta’ Frar 1952) inghad li l-azzjoni ta’ jattanza ghandha tingieb ‘il quddiem fi zmien sena mill-pretensjoni; u l-pretensjoni trid tkun saret b’att gudizzjarju jew xort’ohra bil-miktub.

Illi ghalhekk ir-rekwizit illi johrog mill-**artikolu 403 tal-Kap. 12** innifsu huwa illi l-att li permezz tieghu l-intimat jippretendi xi dritt ghandu jsir b’att gudizzjarju jew ta’ l-inqas bil-miktub (ara “**Charles Ciappara vs Salvu Fenech nomine”** (A.C. – 7 ta’ Ottubru 1996); **“L-Avukat Generali nomine et vs L-Avukat Dottor Hugh Peralta nomine”** (A.C. – 28 ta’ April 2000); **“Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine**” (A.C. – 27 ta’ Gunju 2003); **“Carmelo Vella vs Noel Vella et”** P.A. (RCP) – 10 ta’ Dicembru 2009).

Illi jrid jinghad illi l-gurisprudenza fuq din il-materja hija wahda kostanti u tenut kont tar-rekwiziti hawn imsemmija li johorgu mil-ligi nnifisha, jinghad illi l-Qrati lokali stabbilew element ohra mehtiega sabiex kawza ta’ din in-natura tirnexxi. Sentenza partikolarment rilevanti ghall-kaz in ezami hija s-sentenza fl-ismijiet **“John Muscat vs Joseph Cost Chretien”** (P.A. (A.V.C) – 31 ta’ Mejju 1948) li stabbiliet l-elementi mehtiega ghas-success ta’ kawza ta’ din in-natura u cioe`:-

*"(1) Li l-millantazzjoni tkun tikkontjeni pretensjoni li l-ezercizzju taghha jkun ghad irid jigi;*

*(2) li ma tkunx determinata minn necessita` jew minn kawtela guridika;*

*(3) li l-pretensjoni jkollha l-karattru li tista' tigi ezercitata b'azzjoni gudizzjarja; u*

*(4) li l-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat, u li kwindi ma tkunx millantazzjoni generika tad-drittijiet;"*

Illi dawn l-istess principji gew ribaditi f'sentenzi aktar ricenti bhal **"Charles Darmanin & Co Limited vs Maltacom p.l.c. gja Korporazzjoni Telemalta"** (P.A. (P.S.) – 28 ta' Jannar 2008) li ghamlet referenza ghas-sentenza hawn imsemmija.

Illi *inoltre* ghal dawn il-principji huwa pacifiku illi min jippromwovi kawza ta' jattanza ghandu jipprova zewg elementi, u cioe` illi huwa ghandu jipprova l-pussess tieghu fuq il-haga in kwistjoni tkun ad eskluzjoni ta' min ikun qieghed jimmillanta l-pretensjoni tieghu u fit-tieni lok, il-millantazzjoni ghandha tkun wahda spontanja u mhux provokata (ara **"Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine**" P.A. – 7 ta' April 2000) ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 2003) li ghamlet referenza ghas-sentenza **"Contessina Maria Theuma Castelletti vs Angelo Camenzuli"** (A.C. - Kollezz. Vol. XXVI.I.485) citata fis-sentenza **"Angelo Buhagiar et vs Carmelo Busuttil** (P.A. (FGC) 22 ta' Ottubru 1999) fejn kien gie ritenut:-

*"Attesocche', come venne piu' volte deciso dai nostri Tribunali, non si puo' muovere azione di jattanza quando li possesso della cosa circa la quale ha luogo la millantazione, si trova presso il-convenuto (Prim'Aula* ***"Trapani versus Vella"*** *20 aprile, 1907, Coll.XX,338;* ***"Massa versus Pace"*** *20 novembre, 1907, XX, 373;* ***"Grech Delicata versus Agius"*** *9 gennaio, 1875, V11,*

*293); e pertanto l'attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l'***Articolo 425*** delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, deve provare d'essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore (Prim'Aula 17 aprile, 1871, V.506 e 1 aprile, 1920* ***"Pellegrini versus Sammut"****)."*

Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet li:-

*Il-principju li l-millantazjoni m'ghandhiex tkun provokata mill-attur gie anki ribadit mill-Onorabbli Qorti ta l-Appell fis-sentenza* ***"Edgar Staines noe vs Dottor Albert Hamilton Stilon"*** *(Kollez. Vol. XXX1.1.494). F'din is-sentenza, intqal li din id-distinzjoni hija wahda razzjonali hafna; infatti, spjegat l-istess Onorabbli Qorti, jekk l-attur ma jipprovokax lill-konvenut, izda dan spontaneament johrog b'millantazzjoni tad-dritt kontra l-attur, u l-attur ikollu interess jillibera ruhu mid-dritt vantat kontra tieghu, u ma jibqax f'dak l-istat ta' sospensjoni sakemm joghgob lill-konvenut li jagixxi, allura l-ligi taghti rimedju lill-attur biex precizament jillibera ruhu darba ghal dejjem minn dik il-millantazzjoni; izda meta l-attur mexxa jew gieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni gieb ir-raguni l-ghala huwa qieghed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura l-millantazzjoni ma tkunx izjed spontanea, ghalkemm issir f'att gudizzjarju u bhala difiza, imma tassumi l-kwalita' ta millantazzjoni provokata. U min ikun qieghed jirrespingi pretensjoni ta haddiehor, kompliet tghid l-istess Qorti, provokat minn ghandu, ma jkunx qieghed "jikkalunnjah´, izda jkun qieghed jezercita dritt tieghu li kellu bhala "causa" l-pretensjoni dedotta kontra tieghu.*

Illi l-kontestazzjoni f'dan il-kaz jirrizulta li hija li l-konvenuti qed isostnu li qed jaghmlu dawn l-interpellazzjonijiet a skopijiet sabiex l-azzjoni taghhom ma tigix preskritta, u ghalhekk sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet taghhom u ghalhekk skont huma japplikaw il-principji ndikati fis-sentenzi minnhom citati ta' **"Gorg Borg vs Paolo Borg et nomine"** (A.C. – 1 ta' Lulju 1946), **"Maria Dolores Vella vs Rosario Micallef"** (P.A. – 15 ta' Dicembru 1958), u

**“Charles Ciappara vs Salvu Fenech nomine”** (A.C. – 7 ta’ Ottubru 1996).

Illi din il-Qorti thoss li dawn l-insenjamenti jridu jittiehdu fil-kuntest tal-iskop ta’ l-azzjoni ta’ jattanza li huwa jevita li ssir pretensjoni ta’ dritt b’mod spontanju minghajr ma jittiehdu l-proceduri necessarji sabiex dan id-dritt jigi effettivament deciz f’terminu ragonevoli, u minflok min jippretendi tali dritt jipprezenta biss vantazzjoni li ma tigix sewgita b’kawza, b’dan li kontra min issir tali pretensjoni jibqa’ mdendel. Hekk id-dibattitu ghandu jippremja ruhu jekk il-vantazzjoni ta’ dritt f’dan il-kaz mill-intimati, kinitx ipprovakata minn xi pretensjoni attrici, b’mod li jista’ jinghad li l-intimati kull ma ghamlu biss irreagixxew sabiex jissalvalgwardjaw jew jipprotegu d-drittijiet taghhom.

Illi f’dan l-isfond din il-Qorti thoss li ghandha taqbel ma’ dak li gie deciz fil-kawzi fl-ismijiet **“Louis Borg et vs Francesco Bezzina et”** (P.A. (JA) – 7 ta’ Lulju 2004), **“Charles Darmanin & Co. Ltd. vs Maltacom p.l.c”** (P.A. (PS) peress li kif jidher mill-atti tal-ittri ufficjali l-intimati odjerni ghamlu allegazzjoni spontanea li l-ezercizzju taghha jkun ghad irid jigi u b’dan li qed jippretendu li ghandhom dritt ta’ azzjoni kontra l’hemm interpellati u allura hija millantazzjoni cara ghaliex tikkontjeni allegazzjoni ta’ dritt kontra uhud mill-atturi odjerni li kien kjarament esigibbli kif ukoll jinterpella lill-istess uhud mill-atturi biex jissodisfaw dak id-dritt…. u l-istess ittri ufficjali kienu jikkontjenu monitu specifiku illi kienu ser jittiehdu proceduri legali ulterjuri fin-nuqqas li l’hekk interpellati ma jaddevjenux ruhhom ma’ dak minnhom hekk rikjest u interpellat. F’dan il-kuntest ma jistax jinghad li l-ittri ufficjali tal-intimati odjerni kienu b’xi mod ipprovokati minn xi att tal-atturi jew uhud minnhom (**“Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine”** (A.C. – 27 ta’ Gunju 2003) u ghalhekk hemm l-elementi kollha ta’ l-azzjoni ta’ jattanza ghaliex mill-ittri ufficjali jirrizulta li l-intimati odjerni qed jippretendu li ghandhom jedd u l-atturi hekk interpellati fl-istess atti gudizzjarji huma gustifikati li jehilsu minn din il-pretensjoni.

Illi applikati dawn il-konsiderazzjonijiet ghall-kaz *“de quo”* jirrizulta illi l-azzjoni attrici tissodisfa l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex tirnexxi, izda dan fil-konfront tal-atturi Christian u Mary Falzon biss, u dan peress li ma saret l-ebda vantazzjoni fil-konfront tal-attur Michael Falzon fl-ittri ufficjali tat-8 ta’ Frar 2007 u 12 ta’ Jannar 2009.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici maghmula biss f’isem Christian Falzon u Mary Falzon qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz u ghar-ragunijiet hawn moghtija.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni ghaliex l-intimati rrinunzjaw ghaliha, u filwaqt li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-intimati fil-konfront ta’ Michael Falzon, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-intimati, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fil-konfront tal-atturi Christian Falzon u Mary Falzon,** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

1. Tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta’ tliet xhur mid-data ta’ din is-sentenza sabiex l-intimati jiddeducu fil-gudizzju l-pretensjonijiet taghhom vantati fl-ittri ufficjali tat-8 ta’ Frar 2007 u 12 ta’ Jannar 2009 kontra l-atturi odjerni Christian Falzon u Mary Falzon; u

2. Fil-kaz li l-intimati jonqsu milli jiddeducu dawn l-istess pretensjonijiet kontra l-atturi odjerni Christian Falzon u Mary Falzon fiz-zmien qasir u perontorju hawn prefiss, timponi fuqhom is-silenzju perpetwu billi jigu mpediti milli qatt izjed ma jipprocedu b'din il-pretensjoni taghhom kontra l-atturi Christian Falzon u Mary Falzon.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------